MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## SILVIO CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2011

Numru 53/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**v.**

**Joseph Attard**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Attard ta' 5, Triq Otto Bayer, Xaghra, Ghawdex fejn gie akkuzat:

(1) talli f'dawn l-ahhar snin u qabel il-25 ta' Mejju 1999 ghamel zvilupp jew halla li jsir zvilupp fuq art li taghha huwa responsabbli minghajr il-permess ta' l-Awtorita` tal-Ippjanar ghal dan l-izvilupp konsistenti fi ftuh ta' barriera u qtiegh ta' gebel tal-franka fl-inhawi ta' Ghansar, Wied il-Merill, limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex.

(2) Kif ukoll ksur ta' l-Ippjanar konsistenti billi ghandu estensjoni tal-
barriera minghajr il-permess mehtieg.

(3) talli fl-istess zminijiet naqas li jhares u jobdi ordni tal-avviz biex jieqaf (Nru. ECF 454/98/ENMU/ENF) datat 26 ta' Frar 1998 sabiex iwaqqaf immedjatament l-imsemmi zvilupp u jittiehdu dawk il-passi sabiex jieqaf u jregga lura s-sit ghall-istat originali.

(4) talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita` kompetenti.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-26 ta' Jannar, 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Joseph Attard hat ital-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Attard minnu prezentat fl-4 ta' Frar 2011, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar s-sentenza appellata.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati taghhom.

**5.** Il-fatti tal-kaz jistghu jigu riassunti kif gej:

Ghall-habta tal-1998 l-Awtorita' tal-Ippjanar ghamlet ezercizzju sabiex jigu stabbiliti l-konfini awtorizzati ta' barrieri f'Ghawdex. Sussegwentement l-Awtorita' tal-Ippjanar kienet tal-fehema li l-appellant kien estenda l-barriera tieghu oltre l-konfini awtorizzati u ghalhekk inhareg avviz ta' waqfien u inforzar. Minkejja dan l-avviz l-imputat baqa' ghaddej bix-xoghol u l-iskavar u ghalhekk nhareg avviz iehor ta' waqfien u inforzar. L-appellant eventwalment ghamel applikazzjoni sabiex ix-xoghol li kien sar kontra l-ligi jigi regolarizzat izda din l-applikazzjoni baqghet ma gietx milqugha sa llum.

**6.** L-aggravji tal-appellant jistghu jigu sintesizzati kif gej:

(1) l-azzjoni kriminali rigward ir-raba' imputazzjoni ta' ksur tal-artikolu 388(ee) (*recte* 338(ee)) tal-Kodici Kriminali, trattandosi ta' kontravvenzjoni, hi preskritta bil-preskrizzjoni ta' tlett xhur tenut kont tal-fatt li l-ewwel darba li l-imputat appellant gie notifikat bic-citazzjoni kien fid-9 ta' Dicembru 2000;

(2) l-azzjoni kriminali rigward it-tlett imputazzjonijiet l-ohra hija wkoll preskritta bil-preskrizzjoni ta' sentejn skont l-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali peress illi l-fatt inkriminat jirrisali ghall-25 ta' Novembru 1998 u peress illi l-avviz ta' smiegh u twettiq tas-26 ta' Marzu 1998 "gie sorpassat" b'iehor tal-25 ta' Novembru 1998 u dan peress li ma giex akkuzat li kiser dak l-ordni u ma sarx ordni simili it-tielet imputazzjoni talli naqas li jhares u jobdi ordni tal-avviz biex jieqaf u ta' twettiq hi preskritta bil-preskrizzjoni ta' sentejn peress li l-ewwel avviz huwa datat 26 ta' Marzu 1998 li "gie sorpassat" b'iehor tal-25 ta' Novembru 1998 u b'hekk ghaddew aktar minn sentejn peress li l-imputat gie notifikat ghall-ewwel darba fid-9 ta' Dicembru 2000;

(3) il-prosekuzzjoni naqset milli ggib l-ahjar prova konsistenti fil-pjanti li juru fejn sar ix-xoghol irregolari u ghalhekk tonqos il-prova tal-konsistenza ta' dak ix-xoghol;

(4) l-ewwel Qorti kkundannatu jerga jrodd lura kull haga li saret minghajr permess meta huwa jinsab fl-impossibilita' li jaghmel dan.

**7.** In kwantu ghal **l-ewwel aggravju** l-paragrafu relevanti tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 jispicca bil-kliem "… kemm-il darba din id-disubbidjenza … ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra". Ghalhekk, id-disubbidjenza allegata fic-citazzjoni ma hix punibbli taht l-artikolu 338(ee) jekk hi punibbli taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali jew ta' xi ligi ohra. Peress li fic-citazzjoni hu allegat li l-imputat naqas li jobdi l-ordni tal-avviz biex jieqaf numru ECF/454/98/ENMU/NENF tas-26 ta' Marzu 1998 u dan bi ksur tal-artikolu 56(1)(c) tal-Att 1 tal-1992 u mill-provi prodotti jidher li l-ghemil imputat taht l-artikolu 338(ee)

huwa l-istess ghemil imputat taht l-artikolu 56(1)(c) imsemmi, din il-Qorti ser tipposponi l-kunsiderazzjoni ta' dan l-aggravju, jekk jirrizulta mehtieg, wara li tkun kkunsidrat il-htija *o meno* tal-appellant tar-reat taht l-artikolu 56(1)(c) tal-Att 1 tal-1992.

**8. Bit-tieni aggravju** tieghu l-appellant jallega li t-tlett imputazzjonijiet l-ohra, u cioe' (1) talli ghamel zvilupp jew halla zvilupp isir minghajr permess bi ksur tal-artikolu 56(1)(a) tal-Att 1 tal-1992 (2) ghamel ksur ta' l-ippjanar konsistenti billi ghandek estensjoni tal-barriera minghajr il-permess mehtieg bi ksur tal-istess artikolu 56(1)(a) (3) naqas li jobdi l-ordni tal-avviz biex tieqaf tas-26 ta' Marzu 1998 bi ksur tal-artikolu 56(1)(d) tal-Att 1 tal-1992 msemmi, huma preskritti ghaliex ghaddew aktar minn sentejn mid-data tal-fatt sa meta l-appellant gie notifikat l-ewwel darba. L-appellant isostni illi hargu zewg ordnijiet ta' twaqqif u infurzar bl-ahhar wahda tirrisali ghall-25 ta' Novembru 1998 u ghalhekk jekk l-appellant ma obdiex din l-ordni dan ifisser li ma obdihiex qabel dik id-data. In kwantu ghall-izvilupp u l-estensjoni tal-barriera, tenut kont tal-fatt li l-ahhar ordni ta' twaqqif u infurzar sar fil-25 ta' Novembru 1998 isegwi li l-izvilupp kontra l-ligi li sar necessarjament sar qabel dik id-data. Billi l-appellant gie notifikat l-ewwel darba bic-citazzjoni kien fid-9 ta' Dicembru 2000 allura jsegwi, skont l-appellant, li l-imputazzjonijiet imsemmija huma kollha preskritti bil-preskrizzjoni ta' sentejn.

**9.** Ma hemmx dubbju li r-reati msemmija huma delitti. Il-piena preskritta mill-ligi ghal ksur tal-artikolu 56(1)(a) fiz-zmien relevanti kienet dik ta' multa' u ghalhekk sewwa jghid l-appellant li dak ir-reat hu preskrivibbli bil-preskrizzjoni ta' sentejn[1]. Il-piena ghar-reat taht l-artikolu 56(1)(c), izda, b'zieda mal-piena tal-multa tinkludi l-piena ta' prigunerija ghal mhux inqas minn tlett xhur izda mhux izjed minn tlett snin fl-eventwalita' li l-hati jippersisti fir-reat ghal aktar minn tlett xhur. Sahansitra minn dak premess mill-appellant izda wkoll kif jirrizulta mill-provi l-appellant allegatament ippersista fir-reat ghal aktar minn tlett xhur u

[1] Art, 688(e) Kap. 9

ghaldaqstant il-preskrizzjoni applikabbli ghar-reat taht il-paragrafu 56(1)(c) hi ta’ hames snin u mhux ta’ sentejn liema perjodu ta’ hames snin kien ghadu ma skadiex meta l-appellant gie notifikat l-ewwel darba bic-citazzjoni, apparti l-kunsiderazzjoni li ser issegwi.

**10.** In kwantu ghar-reat taht l-artikolu 56(1)(a) l-fatt li jikkostitwixxi l-istess reat huwa wiehed kontinwu jew permanenti u l-awtur tar-reat jibqa’ fi stat ta’ ksur tal-ligi minn jum ghal jum li jippersisti l-fatt kontra l-ligi generat bl-ghemil tieghu. Huwa manifest li dak li l-ligi trid tassigura huwa li f’ebda mument ma jkun hemm zvilupp li ma jkunx kopert b’permess ghall-izvilupp u dan sabiex l-izvilupp f’Malta jkun wiehed razzjonali u pjanifikat. Dan ifisser li l-ghemil bi ksur tal-artikolu 56(1)(a) imsemmi johloq stat ta’ fatt, u cioe’ zvilupp mhux kopert bil-permessi mehtiega, li ghal kull mument li jibqa’ jissusisti jkun jikser il-ligi. Ir-reat, fi ftit kliem, huwa wiehed permanenti jew kontinwu fis-sens tal-artikolu 691(1) tal-Kodici Kriminali[2] u ghalhekk iz-zmien tal-preskrizzjoni ghal dak ir-reat jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat u cioe’ fil-mument li jitnehha l-istat ta’ fatt kontra l-ligi. Fil-kaz odjern l-istat ta’ fatt kontra l-ligi kreat bl-ghemil tal-appellant ghadu jezisti sal-llum u ghadu ma giex ripristinat l-istat ta’ legalita’ bit-tnehijja ta’ dak l-istat ta’ fatt u ghalhekk ghada tippersisti l-permanenza tar-reat u ghaldaqstant iz-zmien tal-preskrizzjoni ghar-rigward ta’ dak ir-reat ghadu ma bediex jiddekorri.

**11.** L-istess huwa l-kaz ghar-rigward tar-reat taht l-artikolu 56(1)(c) gia msemmi. Skont dan il-paragrafu r-reat jikkonsisti filli persuna tonqos milli tottempra ruha ma xi avviz ta’ twettiq jew kull avviz iehor mahrug taht xi wiehed mill-artikoli 45, 52, 53 jew 55 tal-Att. Ghal kull mument li dik il-persuna tibqa’ fi stat ta’ dizubbidjenza ma’ dak l-avviz tkun fi stat kontinwu ta’ illegalita’. Hawnhekk si tratta ta’ reat ta` ommissjoni fejn in-nuqqas originali jimmarka l-bidu tal-vjolazzjoni tal-ligi liema volazzjoni tipperdura ghaz-zmien kollu li tippersisti l-ommissjoni[3] u cioe’ l-fatt li

---

[2]Ara Appell P v George Zammit, 27/5/1939, XXX. Iv.620
[3] Ara Appell P v Emanuel Spiteri, 28/3/1960

l-persuna tibqa' tippersisti filli tonqos milli thares xi wahda mill-htigijiet tal-avviz in kwistjoni. Li hawn si tratta ta' reat ta' natura permanenti jirrizulta wkoll mill-kliem tal-ligi fejn jinghad li "… jekk ir-reat ikompli ghal aktar minn tliet xhur, ukoll ghal prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn tliet xhur u mhux aktar minn tliet snin." Dan jimplika li r-reat in kwistjoni huwa wiehed li "ikompli" wara l-mument inizjali tal-kommissjoni tieghu u din hi proprju l-karatteristika ta' reat permanenti. Ghalhekk, peress illi anki f'dan ir-rigward in-nuqqas previst fl-artikolu 56(1)(c) ghadu jippersisti sa llum u ghalhekk ghadu wkoll jippersisti ir-reat in kwistjoni iz-zmien tal-preskrizzjoni ghadu ma bediex jiddekorri.

**12.** Ghaldaqstant dan it-tieni aggravju qieghed jigi respint.

**13.** Rigward it-**tielet aggravju**, apparti li ma hux preciz li jinghad li ma gewx esibiti pjanti li juru fejn sar ix-xoghol irregolari, peress li fl-atti tal-process jirrizultaw kemm *site plans* kif ukoll pjanti li juru dan, anki kieku kien kif allegat mill-appellant in-nuqqas ta' tali prova ma jeskludix il-prova oltre d-dubbju ragonevoli tar-reati addebitati lill-appellant u ghalhekk anki dan l-aggravju qieghed jigi respint.

**14.** Fir-**raba' aggravju** tieghu l-appellant jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti kkundannatu jerga jrodd lura kull haga li saret minghajr permess meta huwa jinsab fl-impossibilita' li jaghmel dan.

**15.** F'dan ir-rigward, tal-anqas in parte, l-appellant ghandu ragun. Jinghad "tal-anqas in parte" ghar-raguni li tal-anqas f'xi zmien l-izvilupp kien jikkonsisti in parti fi thammil tal-art[4] u dan ma jidhirx li kien ikun impossibbli li jitregga lura. Izda huwa veru wkoll li parti sostanzjali tal-izvilupp jirrizulta li kien jikkonsisti fi skavar u tqattiegh. Wiehed qajla jista' jifhem kif dan jista' jitregga lura "ghall-istat orginali" kif jghid l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq (fol. 2) jew li jitregga lura "ghal dak l-istat li kien qabel l-izvilupp illegali" kif tghid is-sentenza appellata. L-avviz ta' twaqqif u ta' twettiq seta' kien jipprovdi, ad ezempju, li l-appellant kellu jordom mill-gdid dawk l-inhawi li kien skava. L-avviz,

[4] Ara xhieda fl-appell ta' Franco Pisani tal-1 ta' April 2011

izda, ma jghidx hekk izda jghid li l-persuna kellha “Tregga lura s-sit ghall-istat originali” u dan ukoll huwa dak li effettivament ordnat is-sentenza appellata. Anki x-xhud Franco Pisani kien piuttost perpless dwar x’tip ta’ infurzar setghet tesigi l-Awtorita’ bl-avviz biex tieqaf u ta’ twettiq tant li mistoqsi diversi drabi mill-Qorti x’tip ta’ infurzar kienet qed tippretendi l-Awtorita’ bil-hrug tal-avviz imsemmi, bhal per ezempju li jordom fejn kien diga haffer l-appellant, x-xhud wiegeb “Le, le, ahna konna qed nippretendu bhala avviz li jieqaf minnufih mix-xoghlijiet”. Minn naha l-ohra il-Qorti hi <u>obbligata</u> li tordna lill-hati biex inehhi l-kawzi tar-reat u li jressaq lura kull haga li tkun saret minghajr permess jew li jhares il-kondizzjonijiet imposti fil-permess[5] u  ghalhekk fil-kaz ta’ sejbien ta’ htija din il-Qorti tkun tenuta li taghti effett ghal dak previst fil-ligi.

**16.** Dak fuq premess jindirizzaw l-aggravji tal-appellant salv ghall-ewwel aggravju li l-Qorti rriservat li tipprovdi dwaru wara li tkun kkunsidrat il-htija *o meno* tal-appellant tar-reat taht l-artikolu 56(1)(c) tal-Att 1 tal-1992.

**17.** Mix-xhieda moghtija *viva voce* quddiem din il-Qorti minn Franco Pisani, *principal technical officer* mal-awtorita’ tal-ippjanar u segretarju tal-Minerals Board, jirrizulta li f’xi zmien ghall-habta tal-1998 l-Awtorita’ ghamlet ezercizzju sabiex jigu determinati l-konfini tal-barrieri licenzjati fil-gzira ta’ Ghawdex biex b’hekk giet stabbilita l-estensjoni tal-barrieri ezistenti fosthom dik gia ezistenti tal-imputat appellant, il-barriera numru 4, Ta’ Ansar, limiti ta’ San Lawrenz. Wara dan l-ezercizzju saret laqgha ghas-sidien kollha tal-barrieri u fiha gie spjegat lil kull sid il-konfini tal-barriera taghhom u fejn setghu jahdmu. Sussegwentement sar mill-ufficjali tal-Awtorita’ *survey* fotografiku bl-ajru tal-barrieri u minn dan is-*survey* irrizulta li kien hemm zewg partijiet mill-barriera tal-imputat appellant li kienu hargu ‘l barra mill-konfini tal-licenzja, wahda minnhom li kienet qed titkompla titqatta’ ‘l hinn mill-konfini taghha u l-ohra fejn kien inkixef il-wicc. Ghalhekk fis-26 ta’ Marzu 1998 nhareg kontra l-imputat appellant

[5] Ara Art. 56(2) tal-Att 1 tal-1992

avviz ta’ twaqqif u infurzar (*stop and enforcement notice*). Wara dan l-avviz komplew isiru l-ispezzjonijiet tal-art fejn kien hemm il-barriera u rrizulta li x-xoghol baqa’ ghaddej. Fis-16 ta’ Ottubru 2000 l-imputat appellant dahhal applikazzjoni numru 5489 tal-2000 “to regularize extension of soft stone quarry No. 4” (fol. 33 tal-process). Ma’ din l-applikazzjoni l-imputat appellant esibixxa wkoll pjanti (fol 41-42 tal-process) li kienu juru l-estensjoni tal-barriera koperta b’licenzja, dik li kienet giet skavata minghajr licenzja u li ghalhekk estendiet il-konfini tal-barriera licenzjata. Peress li l-imputat appellant ma hallasx id-drittijiet dovuti l-applikazzjoni tieghu ma setghetx tigi processata u ghalhekk ntqieset mill-Awtorita’ li kienet giet rtirata. Il-parti mill-art in kwistjoni  li l-imputat ried jirregolarizza, u li ghalhekk kien qed jaqbel li ma kienetx skont il-permess, hija dik li tidher mmarkata bl-ahmar ta’ 3950 metri kwadri fuq il-pjanta Dok 1A. Fl-istess applikazzjoni tieghu l-imputat appellant iddikjara li kien ser jiddisponi mil-materjal mhux mehtieg fuq il-bicciet art markati fuq l-istess pjanta Dok 1A bl-isfar.

**18.** L-imputat appellant meta xehed sostna li huwa qatt ma gie informat mill-Awtorita’ dwar il-konfini safejn seta jhaffer izda dan ma hux verosimili in vista tal-fatt li huwa stess iffirma l-applikazzjoni li biha ried jirregolarizza l-izvilupp li kien sar kontra l-ligi u anki indika l-estensjoni tal-izvilupp illegali li kien sar. Dan necessarjament ifisser li l-imputat appellant kien jaf x’kienu l-konfini safejn seta jiskava l-art. Inoltre, kien informat jew ma kienx, bl-applikazzjoni tieghu imsemmija l-appellant irrikonoxxa li dak l-izvilupp indikat fl-applikazzjoni tieghu kien sar kontra l-ligi u kien qieghed jitlob li jigi regolarizzat. Fil-kors tax-xhieda tieghu l-imputat appellant  xehed li appena rcieva l-karti biex jieqaf huwa waqaf; mistoqsi kemm ilu li waqaf starr li ilhom wieqfa xi 3 jew 4 snin li jfisser li x-xoghol baqa’ ghaddej ghal ferm wara li l-imputat gie mharrek quddiem il-Qorti.

**19.** Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta mill-htija tal-imputat appellant tar-reati kollha addebitati lilu hlief tal-ahhar imputazzjoni skont l-artikolu 338(ee) tal-Kap 9. Peress li l-Qorti ghadha kemm sabet htija fl-appellant tar-reat taht l-

artikolu 56(1)(c) tal-Att 1 tal-1992 din il-Qorti, kif inghad aktar ‘l fuq f’din is-sentenza, hi prekluza milli ssib htija taht l-artikolu 338(ee) tal-Kap.9 u b’dan il-mod qed tiddisponi mill-**ewwel aggravju** tal-appellant.

Ghaldaqstant il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha fejn sabet lill-appellant Joseph Attard hati taht l-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali, u cioe’ li naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi ta’ l-Awtorita’ Kompetenti, thassarha wkoll fejn ordnatlu iregga s-sit lura ghal dak l-istat li kien qabel l-izvilupp illegali fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza appellata, u filwaqt li tikkonfermha fil-bqija tordna lill-apellant Joseph Attard inehhi l-kawzi tar-reat u li jregga lura kull haga li saret minghajr permess billi minnufih jieqaf milli jkompli jhaffer fejn mhux awtorizzat b’dan li l-appellant jehel multa ta’ sittin (60) Euro ghal kull gurnata li n-nuqqas ikompli.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------